MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru 408/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Christopher Psaila**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Christopher Psaila** ta' 20 sena, bin Marco u Rita *nee'* Mizzi, mwieled Pieta', fil-31 t' Awissu, 1984, residenti 7, Alley 4, Triq Santa Marija, Ghaxaq, u detentur tal-karta tal-identita numru 429784M;

Talli fis-6 ta' Dicembru, 2004, ghall-habta tal-5:45pm, gewwa St. Philip Pharmacy, Triq ic-Ceppun, Hal-Ghaxaq, bil-hsieb li tisraq, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravat bil-vjolenza, hin u valur ta' madwar Lm90 lira maltin, liema serq ma

giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta tieghek;

Ukoll talli fl-istess data, lok u hin garrejt arma (strument li jaqta u bil-ponta ) minghajr licenzja tal-Kummissarku tal-Pulizija u talli heddidt lil Mary Anne Dalli b'arma (sikkina).

Rat il-kunssens tal-avukat generali sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-amissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni, il-kaz jirrizulta pruvat u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 41, 261 (a) (c) u (f), 262, 267, 270 u 279, 339 (1) (e) Kap 9 u 13 Kap 66;

Wara li staqsiet lill-imputat jekk kienx dispost joqghod tahht kundizzjonijiet f'kaz li jkun liberat b'kundizzjoni u wiegeb fl-affermattiv;

Dwar l-ewwel akkuza minflok qed tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilcx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art. 22 Kap 446;

Dwar it-tieni u t-tielet akkuza qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm50;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------